Suġġett

Talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2006) 4180, tal-20 ta' Settembru 2006, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE (Każ COMP/F-1/38.121 — Attrezzaturi) kif ukoll, sussidjarjament, talba għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti permezz tal-imsemmija deċiżjoni

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Viega GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tal-24 ta' Marzu 2011 — Legris Industries vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-376/06)

"Kompetizzjoni — Akkordji — Settur tal-attrezzaturi tar-ram u tal-liga tar-ram — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Imputabbiltà tal-aġir li jikkostitwixxi ksur"

1. *Proċedura — Rikors promotur — Rekwiżiti proċedurali — Identifikazzjoni tas-suġġett tal-kawża — Sunt tal-motivi invokati — Riferiment ġenerali għal dokumenti oħra annessi mar-rikors — Inammissibbiltà (Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 21; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 44(1)(c)) (ara l-punti 30-32)*

2. *Kompetizzjoni — Regoli Komunitarji — Ksur — Imputazzjoni — Kumpannija parent u sussidjarji — Unità ekonomika — Kriterji ta' evalwazzjoni — Preżunzjoni ta' influwenza determinanti eżerċitata minn kumpannija parent fuq is-sussidjarji miżmuma 100 % minnha — Sussidjarja miżmuma minn kumpannija holding — Ċirkustanza insuffiċjenti sabiex tikkonfuta l-preżunzjoni (Artikolu 8(1) KE) (ara l-punti 47-54, 58)*

Suġġett

Talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2006) 4180, tal-20 ta' Settembru 2006, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/F-1/38.121 — Attrezzaturi).

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Legris Industries SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tal-24 ta' Marzu 2011 — IMI et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-378/06)

"Kompetizzjoni — Akkordji — Settur tal-attrezzaturi tar-ram u tal-liga tar-ram — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Multi — Dħul mill-bejgħ rilevanti — Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni — Linji gwida dwar il-metodi tal-kalkoli tal-multi — Trattament ugwali"